# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 2**

**Citazzjoni numru 225/89/2 JZM**

**Andrew u Maria mizzewgin Brincat**

**v.**

**(1) Tabib Ewlieni tal-Gvern u b'digriet tal-11 ta' Ottubru, 2013 gie korrett ghal Tabib Principali tal-Gvern, u b'digriet tad-29 ta' Settembru, 2015 gie jaqra "Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha, gja` t-Tabib Principali tal-Gvern";**

**(2) Supraintendent tal-Isptar San Luqa, u b'digriet tad-29 ta' Settembru, 2015 gie jaqra "Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei, gja` s-Superintendent tal-Isptar San Luqa";**

**(3) Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u b'digriet tad-29 ta' Settembru, 2015 gie jaqra "Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha, gja` l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali";**

**(4) Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha;**

**(5) Onorevoli Tabib Vincent Moran li kien Ministru tas-Sahha;**

**(6) Tabib Alfred Grech li kien Tabib Ewlieni tal-Gvern u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2013, l-atti gew trasfuzi f'isem Kenneth Grech.**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-att tac-citazzjoni tal-atturi Andrew u Maria konjugi Brincat,ipprezentat minnhom fis-7 ta' Marzu, 1989, li fih inghad is-segwenti:

> "Billi fl-Isptar San Luqa, fil-kors ta` l-ewwel tqala tal-attrici Maria Brincat, kien gie ezaminat id-demm taghha ghal `blood grouping` li r-rizultat tieghu nhareg bil-miktub bid-data tal-14 ta` Mejju 1987, bhala A Rhesus Positive. Minn dik it-tqala twieldet it-tarbija Nicole fil-5 ta` Gunju 1987.
>
> Billi fl-Isptar San Luqa, fl-4 u fit-18 ta` Mejju 1988, fil-kors tat-tieni tqala tal-attrici, liema tqala spiccat bit-twelid tat-tarbija mejta fis-26 ta` Lulju 1988, regghu ttiehdu kampjuni ta` demm ghal `blood grouping` li taw rizultat ta` A Rhesus Negative, u b`hekk gie rrealizzat li l-ezami ghal `blood grouping` li kien sar fl-ewwel tqala kien zbaljat.
>
> Billi minhabba dan l-izball, l-attrici ma nghatatx Anti-D li hu trattament essenzjali f`kazi ta` A Rhesus Negative biex l-omm ma tipproducix antibodies li ghandhom effett nociv fuq ic-celluli homor tat-tarbija.
>
> Billi bl-izball hawn fuq imsemmi sar minhabba negligenza, imprudenza, imperizja u nuqqas ta` hsieb da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, kif ukoll minhabba `culpa in eligendo` u `culpa in vigilando` f`materja importanti ghall-hajja u ghas-sahha fizika u mentali.
>
> Billi kagun ta` dan l-izball fir-Rhesus, kull tqala futura tal-attrici Maria Brincat giet severament milquta b`mod avers u necessarjament tkun riskjuza u problematika u dan minhabba l-kundizzjoni ta` `Rhesus Incompatibility` li giet kawzata, u li setghet giet evitata.
>
> Billi d-dritt tal-atturi illi jiffurmaw familja skond id-decizjonijiet u l-ghazliet taghhom gie serjament pregudikat.
>
> Billi l-atturi sofrew u sejrin isofru danni, ghal liema danni huma responsabbli l-konvenuti solidament bejniethom.
>
> "Billi din il-kondizzjoni tal-attrici tirrikjedi trattament u interventi.

Jghidu l-istess konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, dina l-Qorti m`ghandhiex :

(1) Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghall-izball fuq imsemmi u ghall-effetti tieghu kif ukoll ghad-danni kollha konsegwenzjali ;

(2) Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-hlas ta` kuri medici, trattament u interventi adegwati u xierqa, kemm lokali kif ukoll barra minn Malta (stante li f`Malta m`hawnx il-facilitajiet mehtiega kif wiehed isib f`centri specjalizzati barra minn Malta), inkluzi l-ispejjez necessarji u konsegwenzjali bhal dawk ta` safar u `relocation` barra minn Malta ghal skop ta` kura u trattament, liema kuri, trattament u interventi saru necessarji minhabba l-ghemil kolpuz tal-konvenuti u huma mehtiega biex l-atturi jkunu jistghu jergghu ikollhom ulied fi zmien ragonevoli, bl-izghar riskju possibbli ghall-attrici u ghan-naxxituri ;

(3) Tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi inkluzi dawk li ghadhom sejrin isofru, u komprizi dawk indiretti ;

(4) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni kollha hekk dikjarati bhala dovuti in linea ta` danni, kif ukoll l-ispejjez ghal kuri medici, trattament u interventi li saru necessarji in konsegwenza ghall-ghemil kolpuz fuq imsemmi, u l-ispejjez l-ohra kollha ;

(5) Tordna lill-konvenuti jirrilaxxjaw kopja ta` l-istorja medika tal-attrici Maria Brincat biex tintuza lokalment u barra minn Malta ;

(6) Tordna li l-kundanna tkun solidali bejn il-konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta` Jannar 1989, u bl-imghax skond il-ligi.

B`rizerva ta` kull dritt ta` azzjoni spettanti lill-atturi.

Il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni."

2. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet pprezentata fis-27 ta' Marzu, 1989, mill-konvenut Onorevoli Tabib Dottor Vincent Moran, li permezz taghha gie eccepit hekk:

"1. Preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni stante li mhix iffirmata minn Prokuratur Legali a bazi tal-Artikolu 178(1) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni stante illi la mill-ligi, lanqas mill-fatti kif elenkati fil-premessi tac-citazzjoni, ma tohrog ebda relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-eccipjent, allura l-eccipjent ghandu immedjatament jitqieghed barra l-gudizzju.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti l-eccipjent ma hu bl-ebda mod responsabbli personalment ghal xi danni li l-atturi setghu talvolta soffrew kif jallegaw minhabba n-nuqqas ta` terzi.

4. Illi l-facilitajiet fl-Isptar San Luqa, fejn saru l-interventi u l-ezamijiet medici in kwistjoni, kienu adegwati ghall-istess ezamijiet u interventi u ma kien hemm ebda nuqqas ta` facilitajiet li jista` jitqies tali li kkawza l-izball allegat.

5. Illi l-persuni li materjalment ghamlu l-interventi u l-ezamijiet in kwistjoni fuq l-attrici Maria Brincat kienu professjonalment kwalifikati u kellhom l-esperjenza necessarja u adegwata biex jaffettwaw l-interventi u l-ezamijiet de quo.

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess ma jista jkun hemm qatt fir-rigward tat-talbiet in ezami xi responsabbilta` solidali.

7. Illi diversi talbiet maghmula fic-citazzjoni de quo huma inutili u ripetitivi u jidher car illi d-domandi l-ohra kienu jkopruhom. Ghalhekk l-ispejjez ta` dawn id-domandi ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu akkollati fuq l-atturi. Dan qed jinghad bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra kollha.

8. Illi d-domanda numru hamsa ma setghet qatt issir fil-konfront tal-eccipjent u ghalhekk l-eccipjent ghandu fir-rigward taghha jigi liberat immedjatament bl-ispejjez kontra l-atturi.

9. Illi mill-premessi tac-citazzjoni ma jirrizultax illi l-attur Andrew Brincat sofra jew jista` jsofri xi dannu reali kif mahsub fil-ligijiet ta` Malta u kwindi m`ghandux interess f`din il-kawza u l-esponent ghandu fir-rigward tieghu jigi liberat immedjatament mill-osservanza tal-gudizzju.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

3. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra kollha,ipprezentata fid-29 ta' Marzu, 1989, li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:

"1. L-illegittimita` tal-persuna ta` l-attur Andrew Brincat biex jippromwovi l-azzjoni odjerna.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-konvenuti l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, l-Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha, t-Tabib Alfred Grech u s-Supretendent ta` l-Isptar San Luqa, m`humiex il-legittimi kontradditturi ghat-talbiet attrici u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ic-citazzjoni u t-talbiet hemm kontenuti huma karenti minn fundament guridiku u insostenibbli stante li l-fatti allegati fil-premessi citazzjoni ma jistghux jiffurmaw il-bazi ghal azzjoni ghal danni jew ghall-hlas ta` trattament mediku futur, taht il-ligi taghna.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-tieni talba fic-citazzjoni hija karenti minn fundament guridiku, nulla u insostenibbli stante li l-ligi taghna ma tipprovvdix ghal hlas ta` spejjez futuri, u incerti kif rikjest fl-istess talba.

5. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-tielet talba fic-citazzjoni hija wkoll karenti minn fundament guridiku, nulla u insostenibbli in kwantu tikkontjeni talba ghal hlas ta` danni indiretti, u dan specjalment in vista ta` l-Artikolu 1045 sub-incis (1) tal-Kodici Civili li jistipula espressament li d-danni risarcibbli taht is-sistema guridika taghna huma biss dawk diretti.

6. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-raba` talba fic-citazzjoni hija wkoll karenti minn fundament guridiku, nulla u insostenibbli kwantu din hija bbazata fuq it-tieni u t-tielet talbiet fic-citazzjoni.

7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-hames talba fic-citazzjoni tmur espressament kontra l-Artikolu 590(2) u 673(3) tal-Kodici ta` l-Organizzazzjoni u procedura Civili u ghalhekk hija insostenibbli u karenti minn fundament guridiku.

8. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess is-sitt talba fic-citazzjoni hija wkoll karenti minn fundament guridiku, nulla u insostenibbli stante li xejn ma hu allegat fil-premessi tac-citazzjoni illi jista` jgib bhala konsegwenza s-solidarjeta` tal-konvenuti fl-obbligu ghall-hlas tad-danni mitluba.

9. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti m`humiex responsabbli ghan-nuqqasijiet allegati fic-citazzjoni u ma jirrispondux ghad-danni."

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' April, 2016, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi:

“Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici kif dedotti kontra l-konvenut Onorevoli Tabib Vincent Moran stante cessjoni tal-atti tal-kawza fil-konfront tal-istess konvenut fil-mori tal-kawza.

Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti l-ohra.

Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern, Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa, Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha.

Tilqa` t-tieni eccezzjoni fejn l-istess eccezzjoni tirreferi ghall-konvenut Tabib Dr. Alfred Grech u ghalhekk tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenut Kenneth Grech illi f`ismu kienu trasfuzi l-atti minflok it-Tabib Dr. Alfred Grech.

Tichad it-tielet, ir-raba`, il-hames u s-sitt eccezzjonijiet tal-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern, Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa, Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha.

Tichad id-disa` eccezzjoni tal-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern, Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa, Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha.

Tilqa` l-ewwel talba tal-atturi kif dedotta kontra l-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern, Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa, Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha.

Tiddispondi mit-tieni u mit-tielet talbiet attrici billi tillikwida favur l-atturi danni komplessivi fl-ammont ta` ghoxrin elf u erba` mitt Ewro (€20,400).

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba` eccezzjoni tal-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern, Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa, Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha u tal-hames talba attrici.

> Tichad it-tmien eccezzjoni tal-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern, Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa, Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha.
>
> Tilqa` r-raba` u s-sitt talbiet attrici billi tikkundanna lill-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern, Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supaintendent ta` l-Isptar San Luqa, Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha sabiex ihallsu *in solidum* bejniethom lill-atturi s-somma ta` ghoxrin elf u erba` mitt Ewro (€20,400) in linea ta` danni, bl-imghax legali b`effett mil-lum.
>
> Tikkundanna lill-konvenuti Direttur Generali (Dipartiment ghas-Servizzi tas-Sahha) gia Tabib Principali tal-Gvern, Supraintendent Mediku Sptar Mater Dei gia Supraintendent ta` l-Isptar San Luqa, Onorevoli Ministru ghall-Energija u s-Sahha gia l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali, u Onorevoli Segretarju Parlamentari ghas-Sahha sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu l-ispejjez ta` din il-kawza, hlief ghall-ispejjez tal-konvenut Kenneth Grech illi f`ismu kienu trasfuzi l-atti minflok it-Tabib Dr. Alfred Grech li ghandhom jithallsu mill-atturi, u ghall-ispejjez relattivi ghall-konvenut Onorevoli Tabib Dr. Vincent Moran li ghandhom jibqghu bla taxxa."

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' April, 2016, fil-kawza fl-ismijiet premessi, li permezz tieghu, filwaqt li rriservaw id-dritt li jipprezentaw provi u argumenti dwar danni morali, talbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' l-appell taghhom u filwaqt li tirriforma s-sentenza appellata billi, tikkonfermaha fejn laqghet it-talbiet dwar ir-responsabbilita` ghad-dannu soffert, timmodifikaha u tvarja l-ammont ta' danni li l-konvenuti gew ikkundannati jhallsu lill-atturi. Dan billi jizdiedu dawk id-danni gja moghtija u jinghataw danni li gew michuda, kif ukoll biex jigu komprizi wkoll id-danni morali, li fis-sentenza appellata ma gewx inkluzi. Inoltre, fir-rigward tal-kap tal-

ispejjez, intalab li l-Qorti tordna li l-ispejjez ta' Dr. Kenneth Grech jigu akkollati lill-konvenuti sokkombenti, kif ukoll tikkonferma c-cahda tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li gew michuda u thassar kull fejn l-eccezzjonijiet tal-konvenuti gew milqugha, u konsegwentement tichadhom. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenuti kollha, li permezz taghha wiegbu illi, filwaqt li ghamlu referenza ghall-atti processwali kollha tal-kawza u kwalsiasi prova ohra li jista' jkollhom fakulta` li jressqu quddiem din il-Qorti, jissottomettu li filwaqt li l-appell mid-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' April, 2016, ghandu jigi michud fis-shih, l-istess sentenza ghandha tigi kkonfermata fl-intier taghha u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti.

7. Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:

8. Illi din il-kawza titratta azzjoni ta' danni mgarrba mill-atturi wara li fil-laboratorju gewwa l-Isptar San Luqa sar zball waqt "*blood grouping*", liema zball irrizulta fil-mewt tat-tieni tarbija taghhom James, meta l-attrici regghet harget tqila bih, peress li ma nghatatx l-*anti-D* bhala prekawzjoni mehtiega. B'hekk l-attrici ntlaqtet minn *Rhesus incompatibility*, li kien

fattur determinanti li wassal ghall-mewt fil-guf tat-tarbija tal-atturi. L-attrici kellha tigi relokata l-Ingilterra sabiex tircievi trattament specjalizzat u hija ma setghetx taffronta din is-sitwazzjoni wahedha u ghalhekk kienet akkompanjata mill-attur zewgha u binthom Nicole. Kwindi talbu li l-konvenuti jew min minnhom jigu dikjarati responsabbli ghad-danni konsegwenzjali ghall-imsemmi zball, inkluz ghall-hlas ta' kuri medici u l-ispejjez kollha konsegwenzjali, inkluz safar u kura, trattament u kull intervent mehtieg konsegwenti l-eghmil kolpuz tal-konvenuti; tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi; u tikkundanna lill-konvenuti b'mod solidali jhallsu d-danni kollha ddikjarati dovuti in linea ta' danni. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

9. L-ewwel Qorti, filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici fil-konfront tat-tabib Vincent Moran, stante cessjoni tal-atti tal-kawza fil-konfront tieghu; cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra, salv it-tieni eccezzjoni li ntlaqghet limitatament sa fejn l-istess eccezzjoni tirreferi ghall-konvenut Tabib Dr. Alfred Grech u ghalhekk illiberat lil Dr. Kenneth Grech li f'ismu kienu trasfuzi l-atti minflok it-tabib Alfred Grech; u laqghet it-talbiet attrici peress li sabet li d-deficenzi fis-sistema tas-sahha pubblika fit-totalita` taghha, li minhabba l-mankanzi interni taghha, ma kinitx kapaci li tizviluppa sistemi ta' prevenzjoni sabiex ma jsirux zbalji daqstant serji li jhallu effett daqstant gravi fuq il-hajja tal-persuni; laqghet l-ewwel talba attrici u ghaddiet sabiex illikwidat id-danni sofferti mill-atturi

fis-somma ta' €20,400 u kkundannat lill-bqija tal-konvenuti sabiex ihallsu din is-somma solidalment bejniethom. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, hlief ghall-ispejjez tal-konvenut Grech, li ghandhom jithallsu mill-atturi u l-ispejjez tal-Onorevoli Tabib Dr. Vincent Moran jibqghu bla taxxa.

10. L-atturi appellanti hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza limitatament fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni u fejn gew ikkundannati jhallsu l-ispejjez tal-kawza tat-tabib Kenneth Grech (bhala successur ta' missieru, it-tabib Dr. Alfred Grech li miet fil-mori tal-kawza) u ghalhekk interponew appell minnha quddiem din il-Qorti. L-atturi appellanti jiddikjaraw li huma jaqblu mal-ewwel Qorti fir-rigward tal-likwidazzjoni maghmula fil-kaz tal-ispejjez inkorsi waqt it-tieni tqala tal-attrici (€1,482.998); il-kumpens ghad-differenza fl-gholi tal-hajja bejn Malta u Londra (€3,410.79) u ghat-telfien tat-tieni wild (€13,980), ghalkemm isir kumment f'dan l-ahhar kaz, fejn jinghad li haqqhom aktar minn dan l-ammont ghat-telf tat-tieni wild. Izda jikkontestaw il-likwidazzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward ta' erba' punti: (I) it-telf ta' qligh da parti tal-attrici; (II) it-telf ta' qligh da parti tal-attur; filwaqt li jressqu zewg ilmenti fir-rigward (III) l-effetti tad-dewmien u (IV) danni morali.

11. L-ewwel punt fl-aggravju tal-atturi appellanti huwa li filwaqt li l-perit legali wasal ghall-figura ta' Lm10,000 bhala likwidazzjoni ghal telf ta' xoghol, l-ewwel Qorti ma qablitx mal-fehmiet tal-perit legali u rriteniet li

din il-pretensjoni tal-attrici dwar telf ta' qligh ma kinitx sodisfacentement ippruvata l-attwalita` tat-telf kif kontemplata fil-ligi taghna. L-appellanti jilmentaw li l-attrici kienet gradwata B.Pharm, u B.Sc. fl-*Information Technology,* li kienet waslet sal-grad ta' Manager mal-MITTS, li kellha kull dritt li taghmel l-ghazliet taghha fil-hajja dwar meta tohrog tahdem, meta tohrog tqila u meta terga' lura ghall-hajja lavorattiva. Tishaq li l-ewwel Qorti kellha tikkonsidra t-telf matul perjodu ta' sentejn li hija waqfet mix-xoghol, kemm minhabba s-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha, kif ukoll ghaliex kellha ddum tistenna aktar sabiex tiggradwa fil-B.Sc. Ghalkemm huma talbu s-somma ta' Lm12,000 taht dan il-kap, il-perit legali wasal ghal-likwidazzjoni *arbitrio boni viri* ta' Lm10,000. L-appellanti jikkontestaw ir-ragunament tal-ewwel Qorti fejn qalet li din il-likwidazzjoni kienet tkun permessibbli fl-eventwalita` li jkun hemm terminazzjoni ta' dak l-impjieg bhala ngusta peress li l-attrici kienet imkissra psikologikament. Ghalkemm l-attrici ghandha dritt ghal hajja lavorattiva bhar-ragel, hija effettivament giet imcahhda minnha f'dik l-epoka ghaliex kienet temporanjament inkapaci. Ghalkemm l-ewwel Qorti rrimarkat li mhux sabiex taghmel xi *stereotype* ta' dak li kien jigri dak iz-zmien, l-atturi jikkontendu li effettivament l-ewwel Qorti hekk ghamlet u li din id-decizjoni tal-ewwel Qorti fil-konfront tal-attrici kienet wisq drastika, li gabet onerozita` zejda fuq l-attrici. Il-fatt li l-attrici riedet tibni familja ma jfissirx li hija m'ghandha tircievi l-ebda kumpens, ghaliex ma kien hemm l-ebda terminazzjoni ta' impjieg, izda ghall-kuntrarju, ir-raguni ghala ghandha

tircievi kumpens huwa proprju ghaliex dak iz-zmien tharbtitilha hajjitha u l-hajja taghha nqalbet ta' taht fuq u xi hadd kellu jaghmel tajjeb ghal dan il-pregudizzju ovvju. Ghalkemm f'pajjizi ohra fl-Unjoni Ewropea gew rikonoxxuti d-danni ezistenzjali, fejn il-kwalita` tal-hajja tigi serjament ippregudikata, f'Malta mara ma tigix ikkompensata jekk ma jkunx hemm terminazzjoni ta' impjieg. Dan bir-rispett kollu m'ghandux jigi approvat. Fil-fehma tal-appellanti s-somma ta' danni likwidata mill-ewwel Qorti hija wahda mizera konsidrat it-trapass ta' zmien esagerat bejn meta giet intavolata l-kawza sakemm inghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti u l-atturi m'ghandhomx jaghmlu tajjeb huma ghal dan id-dewmien.

12. It-tieni punt rigward it-telf ta' qligh da parti tal-attur, l-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti qablet mal-konkluzjoni tal-perit legali fis-sens li l-attur ma setax jippretendi l-hlas tad-differenza bejn is-salarju normali tieghu gewwa Malta u dak li kien ikun dovut lilu li kieku bhala mpjegat tal-Gvern Malti ntbaghat jahdem fil-Kummissjoni Gholja ta' Malta gewwa Londra. Jargumentaw li l-Istat m'ghandux jiggwadanja d-differenza bejn iz-zewg salarji, meta din id-differenza kienet a skapitu tal-attur, ghalhekk jitolbu li jinghataw dawn id-danni. Inoltre, ghalkemm l-ewwel Qorti accettat li l-attur ghandu jedd ghal kumpens ghas-sitt xhur li l-familja Brincat kienet l-Ingilterra in konnessjoni mat-tielet tqala, izda ma qablitx mal-perit legali meta akkorda kumpens lill-attur ghat-telf konness mal-azjenda tal-istampar tal-familja. Rizultat dirett tal-event dannuz, l-attur

sofra pregudizzju, in kwantu kellu jitlef l-opportunita` li jkompli jifforma parti u jiehu sehem fl-azjenda tal-familja u li jippercepixxi introjtu li jirrendi. Ghalhekk l-ewwel Qorti zbaljat meta nehhiet dan l-ammont likwidat taht din il-partita, sabiex inghata somma mizera ta' €1,500, tenut kont ir-rilokazzjoni tal-atturi minn Malta lejn ir-Renju Unit. Ghalkemm l-ewwel Qorti rrimarkat li ma gabux prova ta' xi dannu reklamat, fosthom dwar it-*turnover* jew qligh tan-negozju tal-familja, l-appellanti jissuggerixxu li l-kawza kienet iddum ferm aktar milli effettivament damet.

13. It-tielet punt imqajjem mill-atturi appellanti huwa l-effett tad-dewmien. Jishqu li ghalkemm il-kawza nbdiet fis-sena 1989 u l-provi tal-partijiet gew maghluqa fis-sena 2007, iz-zewg relazzjonijiet peritali gew ipprezentati fis-sena 2012 u l-kawza giet deciza fis-sena 2016. Dan id-dewmien esagerat inissel bosta konsegwenzi fosthom (a) l-effetti tal-inflazzjoni minhabba l-gholi tal-hajja u l-akkumulazzjoni tal-interessi wara li gie likwidat ammont ta' danni. Jirrilevaw li ghalkemm l-ammont ta' danni gie likwidat ghall-ewwel darba fis-sena 2012, minn liema data l-konvenuti setghu jiddepozitaw l-ammont fir-Registru tal-Qorti, jew jaghzlu li jittransigu l-kawza billi jhallsu d-danni likwidati lill-atturi, haga li l-konvenuti naqsu milli jaghmlu, sfortunatament permezz tas-sentenza appellata l-imghax inghata biss effett mid-data tas-sentenza u mhux minn qabel, cioe` mill-2012. Filwaqt li ssir referenza ghas-sentenzi tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem bhal **Dimech v. Malta** deciza fit-2 ta' April,

2015 u **Bellizzi v. Malta** deciza fil-21 ta' Gunju, 2011, li jisiltu l-problemi rigwardanti s-sistema legali u gudizzjarja ta' pajjizna, jilmentaw li d-dewmien riskontrat f'din il-kawza sakemm giet deciza biss fl-ewwel istanza, fejn l-appell huwa obbligatorju ladarba ma nghatawx id-danni morali, kawza destinata li tibqa' wieqfa ghal numru ta' snin ohra sakemm jissejjah l-appell, hija destinata li tigi segwita bi proceduri kostituzzjonali. Jilmentaw li ma jaghmilx sens li r-rimedju ghad-danni jinkiseb f'zewg kawzi separati u distinti minn xulxin ghalkemm jitrattaw l-istess suggett, dan meta l-idea ta' zewg kawzi separati tmur kontra l-kuncett ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli.

14. Ilment iehor taht dan il-punt huwa li, konsegwenza tad-dewmien anke rrizultat mill-mewt tal-konvenut Dr. Alfred Grech, li kien it-Tabib Ewlieni tal-Gvern meta sehh l-event dannuz. Meta kien hemm bidla fl-amministrazzjoni fl-1987, Dr. Alfred Grech ma baqax jokkupa l-kariga ta' Tabib Ewlieni tal-Gvern u ghalkemm ir-responsabbilita` tieghu ma spiccatx fix-xejn, ma setax jigi addossat biha min dahal fil-kariga warajh peress li ma kellu x'jaqsam xejn ma' dak li sehh fi zmien Dr. Alfred Grech. Ghalhekk isostnu li Dr. Alfred Grech gie mharrek personalment. L-appellanti jishqu li sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (Artikolu 1132 tal-Kodici Civili), kif ukoll jekk si tratta rapport extra-kontrattwali (Artikolu 1932), id-dover tad-diligenza huwa marbut mal-kriterju tal-missier tajjeb tal-familja, li jfisser li hija mputabbli wkoll l-imgieba omissiva

f'min jonqos li jadotta mizuri ta' kawtela u ta' prudenza ghal fini li jkun evitat event dannuz lill-hwejjeg ta' haddiehor. Referenza f'dan is-sens issir ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Mifsud v. Supretendent Carmelo Bonello et.** (Rikors Kostituzzjonali 176/1987), meta Dr. Lawrence Pullicino, gie kjamat fil-kawza wara li ma baqax jokkupa l-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija. Kwindi jghidu li f'dan il-kaz, gialadarba Dr. Alfred Grech ma baqax fil-kariga u wara miet, kellu jirrispondi ghall-imgieba tieghu l-werriet tieghu, Dr. Kenneth Grech.

15. L-ahhar punt maghmul mill-appellanti huwa dak dwar id-danni morali. Ghalkemm dan il-kuncett kien imsemmi minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Savona v. Dr. Peter Asphar,** l-appellanti jilmentaw li maz-zmien il-Qrati ma bnewx fuq il-kuncett ta' hsara psikologika jew "insult psikologiku", terminu uzat fl-imsemmija sentenza u li nallinjaw lil pajjizna mal-bqija tal-pajjizi tal-Unjoni Ewropea, fejn rizarciment ghad-danni morali jista' jinghata f'kawza civili ordinarja minghajr ma wiehed joqghod jahli snin shah f'erba' saffi ta' proceduri gudizzjarji sabiex jikseb danni morali taht forma ta' kumpens kostituzzjonali. L-appellanti ma jaqblux mal-pozizzjoni adottata f'Malta li l-kuncett ta' danni jkopri biss id-danni materjali izda ma jkoprix id-danni morali, sitwazzjoni paragunabbli ghal kif kienet fi Franza sas-sena 1883, meta l-Qorti ta' Kassazzjoni bidlet il-pozizzjoni legali billi ddecidiet li l-event dannuz kien ikkawza danni non-patrimonjali li ma jfissirx li tali danni

kellhom jitqiesu mhux rekuperabbli u dan skont id-dispozizzjonijiet generali tal-Kodici Civili Franciz. L-appellanti jilmentaw li l-Qrati Maltin m'addottawx tali qawwa ta' hsieb u inizjattiva. Huma jishqu li meta fit-talbiet taghhom talbu d-danni kollha konsegwenzjali, dan ghandu jinftiehem li tinkludi kemm danni materjali (*damnum emergens u lucrum cessans*) kif ukoll id-danni morali, li ghandhom ikunu disponibbli bhala parti mir-rimedji possibbli. Isostnu li dan huwa kaz klassiku li fejn kellhom jinghataw danni morali minnhabba "*pain and suffering*" li sofrew l-atturi kawza ta' dak kollu kkawzat lilhom.

16. L-appellati jirribattu l-appell imressaq mill-atturi billi jissottomettu:

(i) l-ammont ta' danni kif decizi mill-ewwel Qorti huwa gust, ghaliex jirrispekkja l-principji enuncjati mill-Qrati Maltin tul is-snin u cioe` li jkun hemm *restitutio in integrum* u ghalhekk l-argument sollevat mill-appellanti fir-rigward it-telf ta' qligh da parti tal-attrici ma jregix, ghaliex imur oltre dawk il-parametri stabbiliti taht l-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Il-fatt li l-attrici waqfet tahdem tliet xhur qabel ma kellha l-ewwel wild u gie terminat l-impjieg taghha jfisser li ma hemm l-ebda ness bejn id-decizjoni tal-attrici li titlaq ix-xoghol u l-incident mertu ta' din il-kawza. Tant hu hekk li l-attrici stess tammetti li kienu offrewlha xoghol u hija rrifjutat u ghalhekk l-ewwel Qorti ghamlet sew meta cahdet din it-talba ghad-danni.

(ii) Fl-ebda hin ma sar l-argument li bhala koppja ma setghux jezercitaw id-dritt li jaghzlu kif ser jiggestixxu hajjithom, izda lanqas jistghu jippretendu illi l-Gvern jibqa' jiffinanzja dawk l-ghazliet minhabba l-incident li sehh. Ghalhekk, l-ewwel Qorti ghamlet sew meta kkonkludiet li kieku l-attrici kienet tahdem u gie terminat l-impjieg taghha rizultat tat-tqala, imbaghad kien ikun hemm lok ghad-danni. It-tielet tqala ma biddlet xejn mill-istat lavorattiv o meno tal-attrici. L-appellati jikkontendu li l-appellanti donnhom jittantaw iqanqlu sentiment, f'tentattiv sabiex jiggustifikaw ammont akbar ta' danni.

(iii) In kwantu ghad-dewmien ghall-konkluzjoni tal-kawza, l-atturi donnhom jinsew id-differimenti li nghataw wara allegazzjoni li file pprezentat minnhom fl-atti gie nieqes, sabiex imbaghad minn dan kollu ma rrizulta xejn.

(iv) L-appellanti qatt ma ghamlu talba fis-sens tal-argument issa mressaq li t-talba taghhom ghad-danni konsegenzjali ma teskludix id-danni morali, tant hu hekk li t-talba finali tal-appell hija li huma jirriservaw id-dritt li jipprezentaw provi u argumenti dwar danni morali. Dan meta huwa principju stabbilit li l-pretensjonijiet tal-atturi ghandhom ikunu cari, sabiex il-konvenuti jkunu jistghu jiddefendu ruhhom. Dan apparti li d-danni morali huma nfondati u ma jallacjaw mal-ebda

pretensjoni jew allegazzjoni li l-atturi ghamlu waqt il-prosegwiment tal-kawza.

(v) In kwantu ghad-danni relatati mal-azjenda tal-familja, ma tressqet l-ebda prova da parti tal-atturi u ghalhekk il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hija korretta;

(vi) In kwantu l-argument tal-appellanti li huma setghu jittransigu l-kawza billi jhallsu d-danni likwidati lill-atturi, kif jirrizulta mill-atti huma kienu ghamlu offerta “minghajr pregudizzju” li l-atturi ghogobhom jesebixxu fl-atti tal-kawza.

(vii) Dwar it-tabib Alfred Grech li kien jokkupa l-kariga ufficjali ta’ Tabib Ewlieni tal-Gvern, ma messu qatt tharrek f’ismu personali stante li t-tmexxija tad-Dipartiment tas-Sahha kienet wahda ufficjali u mhux personali.  Ghalhekk meta giet terminata dik il-hatra, sew jekk b’mewt, jew jekk b’sostituzzjoni tal-kap, il-persuna li tigi minfloku tiret ir-responsabbiltajiet u d-doveri li kellu ta’ qablu u ghalhekk kellu jitharrek fil-kwalita` ufficjali tieghu u mhux dik personali.

(viii) Ghalhekk meta gie nieqes it-tabib Grech, ma kienx hemm il-htiega li jiddahhal ibnu minfloku, peress li t-tmexxija tad-Dipartiment kienet ghaddiet ghand tabib iehor.

(ix) Fir-rigward tad-danni morali ghamlet sew l-ewwel Qorti li rristringiet ruhha ghad-danni kif ippruvati peress li ma saret l-ebda prova ta' dannu oltre dak prodott waqt il-prosegwiment tal-kawza u ghalhekk il-Qorti ggwidat ruhha bil-provi mressqa mill-appellanti nfushom. Wara kollox, jinsab assodat fil-gurisprudenza li l-iskop li jinghataw id-danni huwa li terga' tpoggi lil min ikun sofrihom fil-pozizzjoni daqs li kieku ma gralu xejn u effettivament hekk ghamlet l-ewwel Qorti. Dan apparti li mhuwiex ammissibbli li f'dan l-istadju l-appellanti jzidu mat-talbiet taghhom jew li jressqu provi godda f'dan is-sens, meta kellhom kull opportunita` li jaghmlu dan. Dan jinghad ukoll peress li din il-Qorti hija wahda ta' revizjoni u mhux kompitu taghha li tisma' provi godda li kellhom jingiebu quddiem l-ewwel Qorti. Huwa inawdit li f'dan l-istadju tal-proceduri, l-atturi javvanzaw pretensjonijiet f'dan is-sens u ghalhekk l-appellati jissottomettu li l-argumenti ghad-danni morali ghandhom jigu respinti fit-totalita` taghhom.

17. L-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward tat-talbiet attrici ghad-danni:

> "VIII. <u>It-tieni u t-tielet talbiet attrici</u>
>
> Bit-tieni domanda, l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni ta` responsabilita` ghal danni <u>partikolari</u> naxxenti u konsegwenzjali ghall-ewwel talba, waqt li bit-tielet domanda, l-atturi talbu l-likwidazzjoni ta` d-danni konsegwenzjali, inkluzi dawk futuri u ndiretti.

Qabel ghadda sabiex jillikwida d-danni li fil-fehma tieghu ghandhom jigu likwidati favur l-atturi, il-perit legali ghamel dawn il-konsiderazzjonijiet :-

*Il-punt KRUCJALI hu meta nigu biex nikkwantifikaw id-danni. Dan hu problema li jehtieg u ghandu jigi affrontat. Fir-rigward l-esponent izomm quddiem ghajnejh is-segwenti :*

*a) Fejn hu preciz li wiehed ikun ezatt matematikament, ghandu jsir dan, izda fejn dan hu mpossibbli wiehed m` ghandux jaqta` qalbu izda ghandu jersaq vicin kemm jista` jkun u jkun gwidat minn dak li hu xieraq u sewwa.*

*b) Wiehed irid ifittex li jkun gust sew mad-danneggjat kif ukoll mad-danneggjant.*

*c) Id-danni jinghataw darba ghal dejjem ; fil-kaz prezenti ghalkemm il-Gvern kien wera ruhu preparat li jghin anke fi tqaliet ohra apparti t-tielet tqala li ntemmet b` wild b` sahhtu, bhala fatt il-koppja Brincat waqfet hemm.*

*d) Ghal diversi ragunijiet li wiehed m` hemmx ghalfejn jidhol fihom, dal-process ha zmien twil u certi tnaqqisjiet li f` cirkostanzi ohra jsiru, hawn m` hawnx lokhom.*

*e) Fil-kawza prezenti, l-atturi qed ifittxu rimbors u hlas ta` danni li garrbu* <u>*huma*</u> *precizament bhala danneggjati. M` hemmx fin-nofs xi ezercizzju ta` eredita`. Mhux ser tqieghed quantum fuq ras xi hadd u tistaqsi "a chi spetta?"*

<u>In linea generali</u>, huwa principju tad-dritt fil-kamp tal-kompensazzjoni ghal danni li "*l-attur ghandu kemm jista` jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagjonata l-hsara*" ("<u>Tufigno vs Micallef noe</u>", Qorti tal-Appell – Sede Civili - 23 ta` April 1965). Id-danneggjat ghandu l-jedd li jigi rimborsat tad-danni li jkun sofra u li jerga` jitqieghed *ragonevolment* fl-istat li kien qabel sofra l-hsara. Dan ghaliex ir-risarciment ghandu jirreintegra l-patrimonju tad-danneggjat minn kull konsegwenza ekonomika sfavorevoli ghalih li jgib mieghu l-event dannuz. Ghalhekk ir-risarciment ghandu jikkonsisti f`somma li *ragonevolment* twassal ghall-valur tal-utilitajiet mitlufa. ("<u>Galea pro et noe vs Gatt et</u>" – Qorti tal-Appell - Sede Civili – 24 ta` Novembru 1958 ; "<u>Zammit vs Calleja</u>" – Appell Inferjuri – 12 ta` Jannar 1977 ; "<u>Sant vs Borg</u>" – Prim` Awla tal-Qorti Civili, 3 ta` Ottubru 1979).

Din ir-regola tar-*restitutio in integrum* hija kwalifikata minn regola ohra li bhala bilanc torbot lid-danneggjat sabiex jadotta dawk il-mizuri kollha *ragonevoli* biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, u jekk jirrizulta li ma jkunx ha dawk il-mizuri, allura dak in-nuqqas tad-danneggjat ghandu jirrisolvi ruhu fi tnaqqis tal-quantum tad-danni. Huwa wkoll principju tad-dritt li ghalkemm id-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu *ragjonevoli* sabiex inaqqas il-hsara u li jiehu l-mizuri kollha biex

jimmitiga t-telf li jkun garrab, fl-istess waqt mhuwiex obbligat li jitghabba b`pizijiet sabiex jirreduci l-hsara.

Il-kwistjoni ta` x`inhu *ragjonevoli* li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi materja ta` fatt li ghandha tigi konsidrata fic-cirkostanzi ta` kull kaz partikolari u l-oneru tal-prova f`dan ir-rigward specifiku jaqa` fuq il-konvenut. (ara - "Aquilina vs Schembri" – Qorti tal-Appell [Sede Civili] - 24 ta` Jannar 1969 ; "Xuereb vs Livick et" – Qorti tal-Appell Inferjuri – 3 ta` Novembru 1956 Kollez. Vol. XXXVII.I.478 u Kollez. Vol. XXXVIII.I.249).

Dan premess, fil-kaz tal-lum, il-kwantifikazzjoni tad-danni mill-perit legali saret kif gej :-

Spejjez inkorsi waqt it-tielet tqala ta` l-attrici

Fit-tielet tqala taghha, l-attrici flimkien ma` zewgha u bintha marru jghixu fl-Ingilterra minn Settembru sa Marzu sabiex it-tqala tkun tista` tigi monitorjata tajjeb u jinghata t-trattament necessarju sabiex il-wild jitwieled qawwi u shih kif fil-fatt kien il-kaz. Din il-htiega skattat peress li wara l-ewwel tqala ma ttiehdux il-prekawzjonijiet biex fit-tqala sussegwenti ma jkunx hemm *Rhesus Incompatibility*.

Il-perit legali wasal ghal dawn id-*damnum emergens* :-

1. Passagg bl-ajru Malta – Londra : Lm 108
2. Passagg bl-ajru Londra – Malta : Lm 127
3. Kaxxa mibghuta qabel bil-posta : Lm 21.02
4. Akkomodazzjoni ghand is-Sorijiet Londra : GBP 237.00
5. Bilanc tal-kera ta` flat Londra ghal 23 gimgha peress li l-Gvern hallas biss parti mill-kera : GBP 782.00

Il-perit legali jghid :

*"Dak li msemmi fil-para 34 supra, i.e. spejjes ta` passaggi bl-ajru, garr ta` kaxxa bl-affarijiet u akkomodazzjoni f` Londra ghandu jitqies bhala danni dovuti bi precizjoni. Fejn dawn huma ndikati fl-isterlina, l-esponent qed jiehu r-rata ta` kambju ta` bhalissa, STG 1 = EUR 0.87010. Mela £ STG 1019 igibu EUR 886.63c.*

*"Allura ghandna hekk: -*

| | |
|---|---|
| *"Items 1,2,3 (Lm 256.02)* | *EUR 596.366* |
| *"Items 4,5 (STG £1019)* | *EUR 886.632* |
| | *EUR 1,482.998* |

Bhall-perit legali, il-Qorti hija tal-fehma li dawn l-ispejjez kienu sostnuti b`ricevuti.

Min-naha taghhom, il-konvenuti jsostnu li l-ispejjez kollha in konnessjoni mat-trattament u kura ta` l-attrici fl-Ingilterra saru mill-Gvern ta` Malta, u li l-Gvern m`ghandu l-ebda obbligu li jhallas l-ispejjez nkorsi mill-attur ghalih u ghat-tifla tal-atturi. Il-konvenuti jinsistu illi ma ghandhomx ihallsu l-ispiza reklamata ghall-akkomodazzjoni tal-atturi u ta` binthom ghaliex skont il-konvenuti l-Gvern kien sab residenza komda ghall-attrici u semmai hija kellha toqghod hemmhekk.

Din il-Qorti tirrespingi l-argument tal-konvenuti.

Fl-ewwel lok, ghandu jinghad li, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, kienet haga naturali u essenzjali li l-attrici fl-istat ta` tqala taghha tkun akkumpanjata barra mill-pajjiz mill-*immediate family* taghha u cioe` minn zewgha u mill-unika wild taghha u cioe` bintha li kienet ghadha ta` tenera eta`. Kien ghal kollox ragonevoli li l-attur jakkumpanja lil martu barra mill-pajjiz sabiex jaghtiha l-assistenza kollha li tehtieg f`mument sensittiv u delikat tal-esistenza taghha. Daqstant iehor kien ragonevoli li mal-atturi jkun hemm l-unika wild taghhom sabiex ma tkunx distakkata mill-genituri taghha, u kif ukoll sabiex bil-presenza taghha tkun anke hi ta` wens ghalihom.

Fit-tieni lok, il-Qorti ssibha difficli biex taccetta kif familja ta` tlett persuni, bl-omm tqila u bi problemi fit-tqala, tista` tghix ghal xhur go kamra wahda pprovduta lilhom mis-Sorijiet Frangiskani. Ma kienx b`kapricc li l-attur fittex post alternattiv ta` residenza ghalihom bhala familja. Anke mill-punto di vista ta` sostentament, l-arrangament li kellu l-Gvern mas-Sorijiet Frangiskani kien insufficjenti sabiex ikopri l-bzonnijiet tal-atturi u ta` binthom.

Bhall-perit legali, il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi ghandhom jigu risarciti l-ispejjez likwidati mill-perit legali fil-paragrafu 42 tar-rapport tieghu u cioe` <u>€1,482.998.</u>

<u>Kumpens ghal differenza fl-gholi tal-hajja</u>

Il-perit legali ghamel likwidazzjoni ta` l-ammont ta` €3,410.79c ghar-raguni segwenti :-

*L-atturi damu l-Ingilterra bejn is-17 ta` Settembru 1989 u l-11 ta` Marzu 1990 mela 196 jum b` kollox. L-esponent ihoss li hu xieraq li jigu konservativament allokati STG £20 kuljum ghal ikel u transport u xi infieq zghir, over and above milli kienu jonfqu kieku baqghu Malta. Dan igib somma globali ta` £ SG 3,920 mela issa EUR 3,410.79c.*

Bhall-perit legali, il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi ghandhom jedd ghal risarciment ta` danni ta` din ix-xorta. Ghalhekk l-ammont ta` <u>€3,410.79</u> qed jigi konfermat.

<u>Telf ta` qliegh da parti ta` l-attrici</u>

Il-perit legali ghamel likwidazzjoni ta` Lm 10,000 ghal telf ta` xoghol li garrbet l-attrici.

Ighid hekk :-

*“Dwar telf ta` qliegh minn naha ta` l-attrici il-pozizzjoni hi din : l-atturi zzewwgu fil-15.08.86 meta hi kienet ga gradwata B.Pharm waqt li l-kors tal-B.Sc fl-information technology kienet bdietu fl-1985. Fl-1999 (meta xehdet) kienet manager mal-MITTS. L-ewwel tarbija twieldet fl-05.06.87 u kienet waqfet tahdem fil-bidu tat-tqala b` Nicole. It-tielet wild (f`Londra) Bernard twieled fid-9 ta` Jannar 1990. Irriprendiet tahdem fil-1991 jew 1992. Huma qed jippretendu kumpens ghal nuqqas ta` xoghol ghal sentejn “wahda minhabba s-sitwazzjoni nfisha” u l-ohra ghax kellha tittardja biex tiggradwa B.Sc. Ta` dan qed jippretendu Lm 12,000. Meta jhares lejn id-Dok KK1- KK4 l-esponenti ihoss li, arbitrio boni viri, quantum xieraq hu ta` Lm 10,000 mela EUR 23,300.”*

Mill-provi prodotti, irrizulta li l-attrici waqfet tahdem bhala spizjara xi tlett xhur qabel twieldet l-ewwel tifla ; din twieldet fil-5 ta` Gunju 1987. L-attrici rega` harget tqila t-tieni darba f`temp qasir. Matul dik it-tieni tqala ma rrizultax illi hadmet jew li ppruvat tahdem. It-tarbija twieldet mejta (ghar-ragunijiet diga` ampjament imfissra) fis-26 ta` Lulju 1988. Meta ppruvat terga` tibda tahdem ta` spizjara wara dak li sehh fit-tieni tqala taghha, ma rnexxiliex minhabba t-trawma emotiva u psikologika li ghaddiet minnha. Hija spjegat li kienet giet offruta xoghol *part time* fl-1988 izda kellha tirrifjuta. Irrizulta wkoll li l-attrici li kienet qed isegwi kors fl-*Information Technology,* kellha taghmel l-*finals* f` Settembru 1990 minflok f` Jannar 1990, u per konsegwenza, waqghet lura ghal fejn shabha li ggradwaw qabilha, u li issa qeghdin targa aktar `il fuq minnha fil-post tax-xoghol. Qalet ukoll fl-1989, hija kienet offruta xoghol ma` kumpannija ta` l-*Information Technology* izda kellha tirrifjuta l-impieg billi kellha ssiefer in vista tat-tielet tqala taghha.

Din il-Qorti qieset il-fatti tal-kaz. U propju ghalhekk ma tistax tikkondividi l-fehma tal-perit legali.

Li kieku l-attrici kienet tahdem u per konsegwenza tat-tielet tqala taghha giet kostretta li tittermina dak l-impjieg, din il-Qorti kienet tifhem il-htiega ta` likwidazzjoni ta` danni ghal telf attwali ta` qliegh. Izda fic-cirkostanzi ta` dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li l-attrici kienet ghaddejja minn fazi fejn kienet qed tibni l-familja taghha u ghalhekk kienet hadet id-decizjoni li tieqaf mill-impjieg waqt it-tqala taghha, bil-hsieb li terga` tkompli bil-karriera wara t-twelid u forsi wara li l-wild jibda jmur l-iskola. Dan qed jinghad mhux sabiex il-Qorti taghmel xi *stereotype* ta` dak li kien jigri f`dawk iz-zminijiet izda qed jinghad in korraborazzjoni mal-provi akkwiziti fil-kawza tal-lum fejn l-attrici stess stqarret li hija kienet itterminat l-impjieg taghha fl-ahhar tlett xhur ta` l-ewwel tqala taghha u imbaghad ma ssemmi xejn li marret tfittex xoghol wara li kellha l-ewwel wild taghha u qabel ma` bdiet bit-tieni tqala taghha. Anke l-attur xehed li huwa ma jiftakarx li martu kellha impjieg bejn l-ewwel u t-tieni tqala

taghha. Provi illi wara t-tieni tqala taghha l-attrici fittxet impjiegi ohra huma biss fis-sens li kellha offerta biex tahdem *part–time* bhala spizjara u offerta ohra ma` kumpannija ta` l-*IT.*

Anke wara li rat id-dokumenti li rrefera ghalihom il-perit legali, din il-Qorti tqis illi l-pretensjoni tal-attrici dwar telf ta` qligh taghha ma kenitx sodisfacjentement ippruvata tenut kont tal-kriterju tal-attwalita` tat-telf hekk kif kontemplat fil-ligi taghna.

Telf ta` qliegh da parti ta` l-attur

Dwar l-attur, il-perit legali spjega li:

*Dwar l-attur, jinghad fl-ewwel lok li l-pretensjoni tad-differenza bejn is-salarju normali tieghu f` Malta (li rcieva regolarment fil-196 jum li dam Londra) u dak li kien ikun dovut lilu kieku, bhala impjegat tal-Gvern Malti, ntbaghat jahdem mill-Foreign Office ghal ma` Malta House f` Londra, hi insostenibbli. B`danakollu, haqqu xi kumpens ghax-xoghol li tilef bhala gwida u ghat-telf li garrab fir-rigward tal-intrapriza tal-istampar ma` tal-familja. F`din tal-ahhar jidher li "bejn tal-familja" l-affarijiet ma tantx marru tajjeb u l-grajja tas-safar m`ghenietx imma anqas jirrizulta li kienet xi fattur determinant biex l-attur falla jew ma rnexxiex f` din il-linja. Hawnhekk, wara li wiehed iqis li s-salarju ewlieni ta` Mr Brincat baqa` ghaddej, hu xieraq li, arbitrio boni viri, jinghata kumpens fil-quantum ta` Lm 2,000 mela EUR 4,660.*

Il-Qorti taqbel mal-perit legali meta jghid illi hija nsostenibbli l-pretensjoni tal-attur ghall-hlas tad-differenza bejn is-salarju normali tieghu gewwa Malta u dak li kien ikun dovut lilu li kieku bhala mpjegat tal-Gvern Malti ntbaghat jahdem fil-Kummissjoni Gholja ta` Malta go Londra mill-Ministeru Ghall-affarijiet Barranin.

Il-Qorti taccetta illi l-attur ghandu jedd ghal kumpens ghas-sitt xhur li l-familja Brincat kienet l-Ingilterra in konnessjoni mat-tielet tqala.

Il-Qorti ma taqbilx mal-perit legali meta akkorda kumpens lill-attur ghal telf konness mal-azjenda tal-istampar tal-familja.

Dwar ix-xoghol tal-attur bhala gwida *part time* il-Qorti ezaminat id-dokumenti tat-taxxa fuq medda ta` snin u ssib li matul is-snin kellu dhul regolari matul is-snin ghalkemm kien ivarja. Ma ghandux ikun hemm dubju li go Londra ma setax jaghmel dak ix-xoghol biex ighin il-familja.

Tenut kont tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ghandu jircievi risarciment fl-ammont ta` €1,500.

Dwar l-azjenda familjarji, il-Qorti tghid illi ma tressqux provi dwar it-*turnover* jew qligh ta` dan in-negozju. Lanqas ma tressqu provi dwar l-andament ta-negozju sabiex forsi wiehed jasal ghal telf. Lanqas ma

xehdu familjari tal-attur li kienu ndikati mill-attur bhala nvoluti fin-negozju.

Fejn ikun hemm insufficjenza jew assenza ta` prova dwar danni, hija dejjem rakkomandabbli kawtela fil-mument tal-likwidazzjoni biex jigi evitat pregudizzju lill-parti l-wahda jew onerozita zejda lill-parti l-ohra. Ghandu dejjem jitqies illi l-funzjoni primarja tar-risarciment hi dik tal-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u r-restawr tal-qaghda *ante quo* l-fatt leziv tad-dritt. Fl-istess waqt tibqa` tinkombi fuq l-atturi l-prova tal-effettiva esistenza tad-dannu.

Fic-cirkostanzi tal-kaz tal-lum, il-Qorti m`ghandhiex timla` l-vojt li hallew l-atturi billi tiehu hija l-inizjattiva li tipproponi soluzzjoni ekwitattiva. Il-gudikant ma jistax jipprexxendi mill-fatt illi l-parti attrici mhix ezonerata mid-dmir li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dawk il-fatti li hi tkun taf bihom ghall-iskop tad-derminazzjoni tat-telf.

Il-gudikant ghandu jipprovdi motivazzjoni logika tal-kriterji ta` l-apprezzament prudenti addottati li juru kif wasal ghal-likwidazzjoni. Bil-grajja specifika taghha, din tal-lum tibqa` kawza ghal danni, u ghalhekk il-komputazzjoni tad-danni trid issir bil-mod kif solitament isir fil-massa ta` kawzi ta` din ix-xorta. Likwidazzjoni tad-danni *arbitrio boni viri* ssir meta jkun difficli ghall-attur li jipprova bil-mezzi ordinarji d-danni li huwa effettivament ikun sofra. Ma jistax jinghad li hekk kien il-kaz tal-lum.

<u>Telfien tat-tieni wild</u>

Finalment il-perit legali ttratta t-telfien tat-tieni wild, li nghata l-isem ta` James. Il-konkluzjoni tieghu kienet :-

*"Nigu issa ghat-telfien ta` James. Meta tilfu lil dan, il-konjugi Brincat, genituri, tilfu hlejqa indirizzata lejn l-ahhar stadju tat-twelid ta` tarbija : il-persuna umana bl-attribwiti kollha taghha. Ma tilfux xi "pet". Hawn mhux si tratta ta` xi "petium doloris" imma danni li bilkemm tqeghedhom taht "lucrum cessans" kieku mhux ghax teknikament tikklassifikhom hekk. F`dan ir-rigward, dejjem arbitrio boni viri, ghax impossibli jsir mod iehor, l-esponent jhoss xieraq il-quantum ta` Lm 6,000 mela EUR 13,980.*

Fil-konsiderazzjoni tad-danni taht dan il-kap, il-Qorti terga` taghmel riferenza ghall-kostatazzjonijiet fattwali tal-espert mediku. Tirreferi wkoll ghall-konkluzjonijiet tal-espert mediku, kif ukoll ghall-konkluzjonijiet tal-bord dipartimentali ta` inkjesta.

Il-Qorti tirribadixxi li jkun hemm responsabilita` ghal danni civili jrid jirrizulta ness ta` kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-event dannuz. Il-fatt kolpuz huwa l-kawza generatrici li jkollha d-dannu bhala l-konsegwenza taghha.

Wara li qieset l-atti b`reqqa nkluz ix-xiehda bil-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet ta` natura medika din il-Qorti ghandha c-certezza morali sabiex tghid illi l-izball fit-test tal-*blood grouping* li sar waqt l-ewwel tqala tal-attrici kien il-fatt kolpuz li skatta l-effetti dannuzi tieghu waqt it-tieni tqala tal-attrici bil-mewt tal-*foetus* u li baqa` jhalli konsegwenzi negattivi ghall-atturi fit-tielet tqala taghha.

Ghalhekk il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-perit legali kienet illi "*kieku ma sarx l-izball Mrs Brincat kienet tircievi l-anti-D wara l-ewwel hlas bi probabilita` 99 fil-mija li ma kienx ikun hemm konsegwenzi fit-tieni tqala … Dan kollu, bl-ikbar nuqqas ikun dak dwar Rhesus Incompatibility, wassal ghall-mewt tat-tarbija."*

In kwantu ghall-kostatazzjoni tal-perit tekniku dwar il-quantum, il-Qorti tikkondividi u taghmel taghha kemm ir-*raison d`etre* tal-perit legali u kif ukoll il-quantum erogat. Ghalhekk qeghda tillikwida s-somma ta` €13,980.

IX. Ir-raba` talba

L-ghadd tad-danni likwidati favur l-atturi huwa €20,373.78. Il-figura qeghda tkun arrotondata ghall-ammont ta` €20,400 ghall-fini ta` pratticita`.

Il-konvenuti ghandhom ihallsu dawn id-danni lill-atturi."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

18. Illi ghandu jinghad mal-ewwel li, sa fejn l-atturi appellanti jikkontestaw biss il-likwidazzjoni tad-danni u parti mill-ispejjez allokati lilhom, il-kwistjoni ta' responsabbilita` tal-konvenuti appellati hija llum gudikat u ma hemmx ghalfejn li din il-Qorti tinoltra ruhha f'dan il-mertu tal-kawza. Madankollu, jinhass xieraq jigi pprecizat li l-azzjoni attrici fil-konfront tal-konvenuti appellati ghandha kemm mill-azzjoni akwiljana (fejn persuna hija obbligata li b'ghemilha ma tikkawzax hsara jew dannu lil haddiehor), kif ukoll tista' titqies li ssejset fuq rabta kuntrattwali, naxxenti minn obbligazzjoni li parti fil-kuntratt ghandha dmir li twettaq dak

li ghalih intrabtet mal-parti l-ohra.  Hekk kif l-attrici appellanti dahlet l-Isptar San Luqa bhala pazjent, sabiex tinghata l-kura u s-servizzi relatati mal-hlas tat-trabi taghha, inholoq rapport kuntrattwali.

19. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-31 ta' Ottubru, 2008, fil-kawza fl-ismijiet **Rose Gauci et v. Donald Felice et,** hekk kif persuna tidhol u tintlaqa' fi sptar bhala pazjent, jinholoq rapport kuntrattwali bejniethom, imsejjes fuq il-kunsens tacitu ta' talba ta' servizz u tal-ghoti ta' dak is-servizz.  L-Isptar bhala istituzzjoni pubblika, hekk kif rapprezentat mill-konvenuti appellati, huma fid-dmir li jaraw li jqabbdu nies ta' hila sabiex iwettqu kif imiss ix-xoghol mehtieg u l-ghoti tas-servizz mitlub, filwaqt li tharreg u tissorvelja lil dawk l-impjegati nkarigati fil-qadi tad-dmirijiet taghhom.  Kwindi hekk kif l-ewwel Qorti rriskontrat deficenzi fis-sistema tas-sahha pubblika fit-totalita` taghha, tant li minhabba l-mankanzi nterni taghha, ma kinitx kapaci li tizviluppa sistemi ta` prevenzjoni sabiex ma jsirux zbalji daqstant serji li jhallu effett daqstant gravi fuq il-hajja tal-persuni, ma kellhiex triq ohra ghajr milli zzomm lill-konvenuti appellati responsabbli ghad-danni mgarrba mill-atturi appellanti.  Dan iwassal sabiex jigu ezaminati l-punti mqajma fl-aggravju principali tal-atturi appellanti, fil-kuntest ta' dan hawn appena premess.

20. Ghandu jinghad mal-ewwel li, din il-Qorti taqbel mal-atturi appellanti meta fl-ewwel aggravju taghhom jinghad li l-ewwel Qorti zbaljat

meta cahdet it-talba attrici ghad-danni relatati mat-telf ta' qligh tal-attrici. Mhuwiex gust li din it-talba attrici tigi skartata fuq il-premessa li ma kien hemm l-ebda terminazzjoni tal-impjieg. Li kieku kellu jintlaqa' tali argument, dan ifisser li mara tad-dar ma tista' qatt ikollha dritt ghal telf ta' qligh, wara li ggarrab danni konsegwenza ta' incident, gialadarba hija ma kinitx impjegata, argument li fil-fehma ta' din il-Qorti ma jregix. Il-Qrati taghna ilhom zmien jaccettaw li mara mizzewga li ma kellhiex impjieg jisthoqqilha tinghata kumpens ghad-danni li ggarrab konsegwenza ta' incident u minhabba dan il-fatt wahdu (F'dan is-sens kienet is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Settembru, 1973, fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Zammit et v. George Bezzina**). Wara kollox ix-xoghol tad-dar ukoll ghandu valur ekonomiku.

21. Issa f'dan il-kaz, m'ahniex qeghdin nitkellmu fuq mara tad-dar biss, izda professjonista gradwata bhala spizjara, li kienet tahdem proprju bhala spizjara qabel ma waqfet tahdem ftit qabel ma kellha l-ewwel tarbija. Huwa normali li omm professjonista, ghalkemm taghmel ftit zmien wieqfa mill-professjoni taghha sakemm ikollha t-tfal, taghmel ghazla li terga' lura ghall-impjieg taghha hekk kif ikollha l-ewwel opportunita` sabiex tkompli tezercita l-professjoni taghha. F'dan il-kaz, kif inghad mill-ewwel Qorti, l-attrici kellha opportunita` tidhol lura ghax-xoghol wara li tilfet it-tieni tarbija, izda fi kliemha, ma hassitx li setghet taghmel dan minhabba "l-fattur psikologiku" li ghaddiet minnu. Hekk ukoll kellha

twarrab opportunita` ta' xoghol fl-informatika hekk kif kellha ssiefer waqt it-tielet tqala.

22. Kif gustament osservat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-15 ta' Jannar, 2002, fil-kawza fl-ismijiet **Peter Sultana v. Anthony Abela Caruana:**

> *"Fi kliem iehor, ukoll jekk is-sintomi tal-attur ghandhom aktar mill-"psikologiku" milli mill-"organiku", xorta huma sintomi li tassew ihallu effett fuqu, fuq is-setghat tieghu, fuq il-mod kif ihares lejh innifsu u, ghalhekk, fuq il-kapacità tieghu li jahdem u li jimxi 'l quddiem fix-xoghol tieghu. Ihallu, ghalhekk ukoll, effett fuq dak li jinteressana f'din il-kawza: is-setgha tieghu li jaqla' l-flus. Dawn is-sintomi nholqu minhabba l-incident, u ghalhekk kien l-incident il-kawza diretta tat-telf li qed igarrab l-attur.* ***…certament ma tistax teskludi illi jezistu sitwazzjonijiet fejn il-hsara provokata minn incident, anke stradali, ma tkunx daqstant fizika daqs kemm psikika****."* (enfasi ta' din il-Qorti).

Applikat l-istess principju ghall-kaz in ezami, indubbjament l-episodju li garrbet l-attrici li wassal ghat-telf tal-wild taghha halla mpatt negattiv fuq il-psike taghha, ghall-inqas temporanjament, li jista' jissarraf f'telf ta' opportunitajiet tul dak iz-zmien li kienet ghaddejja minn dan it-taqlib kollu f'hajjitha, kemm li tidhol lura ghax-xoghol taghha ta' spizjara, kif ukoll li tavvanza fil-waqt fil-karriera l-gdida ntrapriza minnha fl-informatika. Wara kollox, minkejja t-tqala, hija baqghet tistudja sabiex gabet kwalifiki godda u wara li kellha t-tielet wild hija spiccat l-istudji taghha u rritornat ghad-dinja tax-xoghol fl-1991 (kif jirrizulta mill-istess formoli tat-taxxa esebiti in atti). Apparti l-effett psikologiku per se, wiehed ma jistax iwarrab il-fatt li l-attrici kienet imcahhda minn kwalunkwe ghazla li tmur lura ghax-xoghol,

specjalment waqt it-tielet tqala meta fil-verita` ma kellhiex triq ohra hlief li tmur Londra sabiex tkompli l-kura mehtiega halli tkun tista' twelled tarbija minghajr riskji ulterjuri. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak kollu li sofriet l-attrici wassal ghal telf ekonomiku ghal dak il-perjodu bejn it-tieni tqala sakemm kellha t-tielet wild taghha, li jissarraf f'danni reali u tangibbli li l-konvenuti ghandhom jirrimedjaw ghalihom. Dan kollu kellu jigi kkonsidrat mill-ewwel Qorti. Kwindi din il-Qorti ser tilqa' dan l-ewwel punt u f'dan is-sens ser tadotta il-kalkolu tal-perit legali li akkorda *arbitrio boni viri* favur l-attrici l-ammont ta' Lm10,000 (illum €23,293.73), konsidrat ukoll id-dhul iddikjarat mill-atturi fil-formola tat-taxxa relattiva ghas-sena bazi 1986 (fol. 511 tal-process).

23. In kwantu ghat-tieni punt rigwardanti t-telf ta' qligh tal-attur, huwa ritenut li huwa gust li l-Gvern offra xoghol alternattiv lill-attur bl-istess salarju li kellu Malta bhala ghalliem u dan b'rispett ghall-principju ta' *restitutio in integrum*. Madankollu, din il-Qorti bhal ta' qabilha ma tarax li kien hemm lok li tintlaqa' l-pretensjoni tieghu ghall-hlas tad-differenza bejn is-salarju normali tieghu gewwa Malta u dak li kien ikun dovut lilu li kieku bhala mpjegat tal-Gvern Malti ntbaghat jahdem fil-Kummissjoni Gholja ta' Malta gewwa Londra. Hekk ukoll, filwaqt li l-attur kien haqqu kumpens minhabba telf ta' xoghol ta' gwida li kien jaghmel fuq bazi *part-time,* u dan ghall-perjodu ta' sitt xhur sakemm il-familja tieghu giet relokata gewwa Londra in konnessjoni mat-tielet tqala u dan hekk kif

sostanzjat permezz tad-dokumenti tat-taxxa, ma hemmx lok li jinghata kumpens lill-attur relatat ma' allegat telf fl-azjenda tal-istampar tal-familja. Dan peress li l-principju regolatorju rigward provi huwa li min jallega jrid jipprova.

24. Tajjeb li jigi mfakkar li l-ligi stess tipprovdi li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u li l-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li, issirilha l-ahjar prova li parti tista' ggib (Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-27 ta' Gunju, 1953 fl-ismijiet **Joseph Zammit v. Joseph Hili**, (Kollez. Vol. XXXVII.I.577), insibu: "*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat*"." Ghalhekk fil-kamp civili element necessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal ghad-decizjoni taghha fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur lahaq l-oneru tal-prova mitfugh fuqu. Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ma tinsabx sodisfatta li l-attur lahaq l-oneru mitfugh fuqu fil-kaz ta' din il-pretensjoni tieghu, peress li kif gustament osservat mill-ewwel Qorti ma tressqux provi dwar it-*turnover* jew qligh ta' dan in-negozju in sostenn tal-ezistenza effettiva ta' dan it-telf. Ghal dawn ir-ragunijiet, ma tqisx li hemm lok li tvarja l-ammont ta' €1,500, likwidat mill-ewwel Qorti taht dan il-kap u dan

wara li ezaminat id-dokumenti tat-taxxa fuq medda ta' snin (fol. 501 sa 511 tal-process). Kien hemm altru minn bizzejjed zmien sabiex l-attur ihejji u jressaq tali provi u kull kumment iehor maghmul mill-appellanti f'dan ir-rigward huwa superfluwu.

25. Fir-rigward tal-ilment dwar id-dewmien, l-argumenti mressqa taht dan it-tielet punt da parti tal-appellanti huma pjuttost ta' natura kostituzzjonali, u dan kif jirrizulta mill-istess gurisprudenza citata mill-appellanti in sostenn ta' dan l-argument taghhom. Izda mhux ritenut opportun li tali lmenti jigu trattati fil-proceduri in ezami, stante li l-iskop tal-proceduri quddiem din il-Qorti huma limitati ghal dawk ta' revizjoni tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti. Certament din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha li takkorda kumpens a bazi tal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-appellanti f'dan l-ilment taghhom. Ghalkemm id-dewmien fid-determinazzjoni ta' din il-kawza huwa wiehed evidenti, jinhass xieraq jinghad biss li, lil hinn mir-raguni ghad-dewmien, il-partijiet fil-kawza ghamlu kwazi ghoxrin sena sabiex iressqu l-provi taghhom, saru diversi seduti fejn ma tressqux provi da parti tal-istess atturi ghal xi raguni jew ohra, u nghataw diversi differimenti. Kwindi din il-materja fil-kumplessita` kollha taghha, ma taqax fil-mertu ta' din il-kawza u jekk ikun il-kaz, ghandha tkun suggett ta' analizi separata. Din il-Qorti hija prekluza milli takkorda kumpens ulterjuri u ghalhekk din il-Qorti ssib li ma tistax tilqa' dan l-ilment tal-appellanti. Hekk ukoll, din il-Qorti ma taqbilx mal-

appellanti meta jissugerixxu li l-imghax jibda jiddekorri fuq l-ammont likwidat sa mis-sena 2012, data tar-rapport tal-perit legali, izda taqbel mal-ewwel Qorti li l-imghax f'kawza ta' danni *da liquidarsi,* li lanqas jista' jinghad li kienu facilment determinabbli, ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza.

26. Jigi osservat ukoll li, sa fejn taht l-istess ilment l-appellanti jilmentaw li bil-fatt li konsegwenza tad-dewmien lahaq miet il-konvenut Dr. Alfred Grech, u bil-bidla fl-amministrazzjoni ma setghux isejhu lil min dahal minfloku, bil-konsegwenza li l-atti kellhom jigu trasfuzi f'isem l-eredi tieghu, Dr. Kenneth Grech, din il-Qorti taqbel mal-argument tal-appellati fis-sens li Dr. Alfred Grech ma messu qatt tharrek fil-kapacita` personali tieghu, peress li huwa kien qieghed imexxi d-Dipartiment tas-Sahha fil-vesti ufficjali tieghu u mhux dik personali. Ghalhekk meta giet terminata dik il-hatra, permezz ta' mewt jew permezz ta' sostituzzjoni, huwa x'aktarx logiku li l-persuna li tinhatar minfloku fil-qadi ta' din il-kariga kellha tiret ir-responsabbiltajiet u doveri tieghu. Hekk ukoll kif osservat mill-ewwel Qorti, minn imkien mill-provi in atti ma rrizulta li Dr. Grech kien involut direttament jew personalment fil-kaz tal-attrici. Ghalhekk il-paragun li l-appellanti jaghmlu ghal dik is-sentenza citata minnhom ma jregix u Dr. Alfred Grech gie mharrek hazin f'ismu personali, peress li ma jistax jitqies legittimu kontradittur. Isegwi li lanqas il-werriet tieghu Dr. Kenneth Grech

ma kellu jirrispondi ghat-talbiet attrici. F'dan is-sens, din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja l-kap tal-ispejjez kif deciz mill-ewwel Qorti.

27. Jonqos li jigi trattat l-ilment tal-appellanti dwar id-danni morali. Tajjeb li hawnhekk issir referenza ghal dak li nghad qabel, f'paragrafi 18 u 19, fis-sens li l-azzjoni attrici hija wkoll wahda ta' danni kuntrattwali minhabba n-natura ta' rapport li jinholoq bejn sptar u pazjent. Kwindi hija relevanti s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Dicembru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet **Jane Agius v. Avukat Generali et** fejn giet enfasizzata l-htiega li kemm jista' jkun, il-ligi tinghata interpretazzjoni wiesa' sabiex tkun konformi mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Hija relevanti li tigi riprodotta s-segwenti silta:

*"17. Qabel ma tqis il-meritu tal-aggravju l-Qorti sejra tagħmel xi osservazzjonijiet ta' natura ġenerali dwar id-danni non-pekunjarji taħt il-liġi ordinarja.*

*18. Qabel xejn għandu jingħad illi l-Art. 1045 u 1046 tal-Kodiċi Ċivili, li fuqhom huwa msejjes l-argument illi ma jingħatawx danni non-pekunjarji taħt il-liġi ordinarja, għax dawk l-artikoli jaħsbu biss għal damnum emergens u lucrum cessans, jinsabu fit-tieni Sub-sub-titolu (§II) tas-Sub-titolu tnejn (II) tat-Titolu erbgħa (IV) tat-tieni (II) Taqsima tat-tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili: Fuq id-Delitti u Kważi-delitti. Għalhekk jolqtu biss id-danni ex delicto u mhux dawk minn għejjun oħra ta' obbligazzjonijiet.*

*19. Issa fil-każ tallum Carlos Chetcuti kien taħt il-kustodja tad-Direttur tal-Ħabs u għalhekk ir-relazzjoni bejniethom aktar għandha min-natura ta' relazzjoni kuntrattwali jew, għall-inqas, billi ma kinitx kunsenswali, ex lege, milli relazzjoni ex lege aquilia. Għalhekk, is-saħħa tal-argument imsejjes fuq l-Art. 1045 u 1046 jonqos ħafna.*

*20. Tassew illi, bi ftit eċċezzjonijiet, il-ġurisprudenza tgħid illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili ma jagħtux danni non-pekunjarji jew morali.*

*Dan ma hux għax hemm disposizzjoni tal-liġi positiva li espressament tivvjeta d-danni morali iżda għax il-qrati, influwenzati x'aktarx mis-sentiment favor debitoris, adottaw interpretazzjoni x'aktarx stretta u riġida tal-Art. 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu, il-liġi ċivili ma għandhiex tiġi interpretata in vacuo bħallikieku fl-interpretazzjoni tal-liġi ċivili l-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili ma għandhomx iqisu wkoll il-prinċipji kostituzzjonali u d-drittijiet fondamentali. Tassew illi, fejn hemm konflitt irrikonċiljabbli bejn il-liġi ċivili u dik kostituzzjonali jew il-Konvenzjoni, huma l-qrati ta' ġurisidizzjoni kostituzzjonali li għandhom is-setgħa li jgħidu illi dik id-disposizzjoni tal-liġi ċivili għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett bejn il-partijiet fil-kawża. Fejn, iżda, hija possibbli "interpretazzjoni konformi" mal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni, il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili għandhom, bla ma b'hekk ikunu qegħdin jusurpaw setgħat li ma humiex tagħhom, jinterpretaw il-liġi ċivili ordinarja b'mod "konformi" mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni flok jagħżlu interpretazzjoni li toħloq konflitt u hekk joħolqu sitwazzjoni anti-kostituzzjonali li tista' tiġi rimedjata biss wara kawża kostituzzjonali u jqiegħdu wkoll lill-istat Malti fi stat ta' ksur tal-obbligi Internazzjonali tiegħu taħt il-Konvenzjoni"*

28. Huwa interessanti illi fl-Italia l-kuncett ta' danni morali zviluppa, qabel bidla fil-ligi taghha, mill-istitut ta' obbligazzjoni naturali, li jezisti anke fil-ligi Maltija. Fil-ktieb taghha "*L'Obbligazione naturale. Evoluzione normative e prassi giurisprudenziale*" (Edit. Giuffre' 2000) ta' **Maria Antonia Ciocia**, hija spjegat kif dan l-izvillup sehh u qalet hekk:

*"La problematica del risarcimento del danno non patrimoniale rappresenta un caso di evoluzione dell'obbligazione naturale particolarmente interessante. La dinamica che ha consentito la trasformazione in obbligazione civile e' stata iniziata e completata esclusivamente attraverso interventi giurisprudenziali, senza che si rendesse necessario il ricorso al legislatore.*

*Il dovere morale di compensare forme di danni, altrimenti irrisarcibili, per effetto delle istanze costituzionali di tutela della persona e' stato progressivamente identificato dalla giurisprudenza come dovere sociale idoneo, in quanto tale, a ricevere tutela e disciplina nelle forme del diritto soggettivo.*

*Il riconoscimento del diritto al risarcimento di fattispecie di danno alla persona, indipendentemente dalla menomazione della capacita' reddituale, e' una conquista recente".*

29. Il-gurista tkompli tispjega fid-dettal kif il-qrati Taljani zviluppaw il-hsieb u kif waslu li jaghtu danni mhux patrimonjali billi taw effett civili lill-obbligazzjoni naturali ta' min jikkawza dannu lil haddiehor biex jirreintegra lill-vittma, kemm jista' jkun, fis-sitwazzjoni li kien qabel ma sehh l-incident. Huwa risaput li obbligazzjoni naturali torbot anke meta dak li jkun ma jkollux gharfien ta' tali obbligazzjoni (ara **Parascandolo v. Lanzon** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' April, 1925).

30. Effettivament inghataw mill-qrati taghna danni morali f'kuntest kuntrattwali fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Edward Darmanin et v. Korporazzjoni Enemalta**, fejn inghad:

> *"27. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk, ukoll qabel l-emendi mdaħħla bl-Att XIII tal-2018 u, wara, bl-Att XXXII tal-2018, jistgħux jingħataw danni morali f'azzjoni akwiljana, fil-każ tallum l-azzjoni hija dwar dritt ex contractu – mill-ftehim kollettiv – u għalhekk ma hemm xejn li jżomm lill-qorti milli tagħti danni morali."*

Applikati l-istess principji ghall-kaz in ezami, fejn it-telf imgarrab mill-atturi huwa konsegwenza ta' nuqqasijiet imputabbli lill-konvenuti appellati, naxxenti minn rapport kuntrattwali (u mhux biss akwiljani) din il-Qorti tqis li jkun gust u ekwu li f'dan il-kaz ukoll jinghataw id-danni morali lill-atturi

bhala parti mir-rimedju ghal dik il-hsara li garrbu. Din il-Qorti tqis li dawn id-danni jidhlu fil-parametri tat-talbiet attrici msemmija bhala "danni konsegwenzjali … komprizi dawk indiretti" u ma tarax li hemm bzonn provi oltre dak li jirrizulta mill-atti fir-rigward ta' dan il-kap ta' danni. Huwa ovvju li l-izball li sehh kawza tan-nuqqasijiet fis-sistema tas-sahha pubblika kif kienet dak iz-zmien, wassal ghal sofferenza u tbatija lill-atturi li garrbu t-telfa ta' hajja tat-tieni wild taghhom, li jmorru lil hinn minn danni reali. Il-Qorti tifhem li meta l-appellanti garrbu t-telf ta' tarbija, dan kellu effett devastanti fuq il-hajja taghhom, mhux biss f'dak il-perjodu li kienu ghaddejjin minn dak it-taqlib kollu, izda dan l-episodju certament kellu impatt negattiv fuq il-hajja taghhom, li timmerita kumpens ulterjuri, jigifieri dak morali, maghrufa wkoll bhala danni mhux patrimonjali. Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti tqis li jkun xieraq li tillikwida *arbitrio boni viri* favur iz-zewg atturi appellanti s-somma ulterjuri ta' €20,000 bhala danni morali.

31. Fl-ahhar, il-Qorti tixtieq ukoll taghmel parentesi. Fir-rikors tal-appell tal-atturi appellanti ghalkemm jinghad li l-ammont ta' €13,980 ghat-telf tat-tieni wild, huma misthoqqa, jinghad ukoll li haqqhom kumpens ahjar mill-ammont akkordat mill-ewwel Qorti. Huma relevanti l-kliem tal-perit tekniku f'dan il-kuntest, li din il-Qorti mhux ser tirrepeti, izda taghmel referenza ghalihom. Jinghad biss li, filwaqt li l-Qorti tapprezza li l-atturi tilfu hlejqa, jigi osservat li d-danni li gew likwidati ma jistghu qatt jissostitwixxu t-tieni wild taghhom. F'cirkostanzi simili huwa impossibbli ghal xi hadd li jasal ghal somma preciza, m'hemmx xi formula matematika

magika li tista' tigi adottata u ghalhekk il-Qrati f'dawn il-kazijiet jippruvaw ikunu gusti lejn il-partijiet fil-kawza, biex b'hekk jittantaw li jaghtu somma xierqa billi jadottaw il-kriterju ta' *arbitrio boni viri.* Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, ma tarax li hemm lok ghal zieda ulterjuri.

32. Ghalhekk, id-danni li ghandhom jigu likwidati favur l-atturi appellanti huma dawn:

| | |
|---|---|
| Spejjez inkorsi waqt it-tieni tqala tal-attrici - | €1,482.998 |
| Kumpens ghad-differenza fl-gholi tal-hajja - | €3,410.79 |
| Telfien tat-tieni wild - | €13,980 |
| Telf ta' qligh da parti tal-attrici - | €23,293.73 |
| Telf ta' qligh da parti tal-attur- | €1,500 |
| Danni morali | €20,000 |
| Total: | €63,667.52 |

Dan ifisser li t-total ta' danni li ghandhom jithallsu mill-konvenuti appellati huwa l-ammont ta' €63,667.52.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-appell intavolat mill-atturi billi tilqa' l-istess parzjalment u filwaqt li tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn illikwidat id-danni favur l-atturi fl-ammont ta' ghoxrin elf u erba` mitt ewro (€20,400) u minflok tillikwida d-danni mgarrba mill-atturi appellanti fis-somma ta' tlieta u sittin elf, sitt mija u sebgha u sittin ewro u

tnejn u hamsin centezmu (€63,667.52) u tikkonfermaha fil-bqija taghha, bl-imghax mid-data tas-sentenza appellata, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu in kwantu ghal tmenin fil-mija (80%) mill-appellati u ghoxrin fil-mija (20%) mill-appellanti, filwaqt li l-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm